# LEHEN IL-MALTI

MAĦRUĠ MILL-"GĦAQDA TAL-MALTI" (UNIVERSITÀ)

**FRAR 1938 ]** **IS-SEBA' SENA** **[ Għadd 84**


## LILL-KITTIEBA ŻGĦAŻAGĦ

Jekk inħarsu ftit lejn il-werrej fl-aħħar ta' dan il-ktieb, naraw li l-letteratura Maltija mhix tikber b'dik il-qawwa u b'dak il-ġmiel li rridu nagħtuha, jew, bi kliem ieħor, il-ħila u l-ħedma taż-żgħażagħ mitfugħa wisq fuq ġenb wieħed jew fuq ftit ġnieb tal-letteratura u mhux fuq il-ġnieb kollha. Bħal meta ħafna ħaddiema, li jkunu jaħdmu biex jibnu u jżejjnu dejr ta' sultan, flok ma jqassmu x-xogħol kollu bejniethom, jintefgħu kollha fuq xogħol wieħed u jħallu xogħol ieħor ta' tiżjin li hu meħtieġ biex id-dejr ikun jixraq lis-sultan. Fi kliem ieħor, ħafna mill-kittieba jintefgħu fuq għamla waħda ta' kitba u jħallu għamliet oħra li mingħajrhom il-bini u t-tiżjin tal-letteratura jibqa' dejjem nieqes. Il-ġmiel tal-letteratura qiegħed fit-tiżwiq tal-kitba, u aktar ma jkun it-tiżwiq akbar ikun il-ġmiel.

Ħafna mill-poeżijiet igħannu l-ħass tal-qalb, ferħ, dwejjaq, imħabba. Poeżija sentimentali. Sabiħa fiha nfisha, għax hi biċċa minn ruħ il-kittieb, hija l-kelma, l-għajta li toħroġ weħidha minn qalb ferħana jew muġugħa, hienja jew imnikkta, mixgħula b'imħabba żagħżugħa jew maħqura bi ħjiena bla ħaqq. Imma, għalkemm ħadd ħlief il-poeta ma jaf xi tħoss qalbu, mhux dejjem ħafif li tfisser tajjeb dak li tħoss. Xi drabi l-poeta jew ikabbar

dak li jkun iħoss jew itenni dak li jkun ħass u qal ħadd-ieħor, bħalma jiġri meta żagħżugħ jibda jgħanni l-ewwel imħabba, jew inkella jieħu ton ta' poeti oħra u jfisser dak li ħassu huma u ma ħassux hu.

Iż-żgħażagħ iħobbu jagħnnu mħabbithom . Jekk żagħżugħ iħoss ġibda lejn xbejba, jekk titbissimlu jew ma tweġibx għall-imħabba tiegħu jinfexx igħanni f'poeżija l-ferħ jew il-għali ta' qalbu. Aktarx dejjem daqqa waħda. Poeżija bħal din bgħid bgħid li jkun fiha xi ħaġa ġdida li tkabbar il-ġmiel tal-letteratura, u nħajjru ż-żgħażagħ biex ma jintilfux wisq fiha.

Dawl ġdid tefa' fuq il-poeżija Ġorġ Pisani li f'ħafna sunetti għanna ġrajjiet ta' żmenijietna jew tifkiriet oħra qodma. Għall-ġieh tiegħu ngħidu li rivista letterarja franċiża qalet għas-sunett tiegħu *Lid-Demokrazija* : Il-poeti Maltin daqqu nota li għadha ma daqqitha l-ebda poeżija ta' żmenijietna. Xhieda sabiħa ta' oriġinalità ! Għamla ta' poeżija li l-kittieba tagħna għadhom qatt ma tħajjru jiktbu hija dik il-poeżija li bi kliem sabiħ, bi kliem li donnu tifħir tolqot, tniggeż, issawwat il-ħażen tad-dinja. Min ma jafx li nigża b'kelma tista' tolqot u tinħass aktar minn prietka tagħlim ? U kemm fiha ħażen id-dinja x'wieħed isewwi ? U din il-poeżija *satirika* barra milli torqom il-letteratura tkun qiegħda wkoll tgħallem u tagħmel il-ġid.

Fil-kitba tal-proża n-nuqqas jinħass aktar. Iż-żgħażagħ għandhom xejra għall-kitba ta' novelli b'xi ċajta. Fetaħ it-triq Temi Zammit u ħafna mxew urajh. Iżda Temi Zammit kien mgħallem u biex wieħed jimxi bħalu jaħtieġ li jifhmu tajjeb. Il-kitba ta' Temi hi kollha meħuda mill-ħajja; kwadri ħajjin, kliem ħaj, kollox jaqbeż ·quddiemek mimli bil-ħajja. Iżda novelli biss, imqar fuq suġġetti l-aktar imżewwqin, ma jagħmlux letteratura. Għad

jonqos. U biex nimlew dan il-fieragħ jaħtieġ kitba ġdida; jaħtieġ jinfetħu toroq oħra u ż-żgħażagħ jidħlu fihom wara l-mixi tal-imgħallmin. Għidna bosta drabi li mill-kitba ta' *essays* għadna neqsin ħafna, imma għalkemm ħafna żgħażagħ imdorrijin jaqraw u jiktbu *essays* bl-ingliż, donnhom għadhom jitbeżżgħu jiktbu *essay* bil-Malti. Ma għandna l-ebda kitba ta' kritika estetika. Ħares lejn kwadru, lejn statwa, lejn monument, lejn xi bini sabiħ, isma' daqqa mużika jew biċċa kant u jekk qalbek mhix mejta għal kollox għandha tħoss fiha tqanqil li jaqbel jew ma jaqbelx max-xejriet tagħha. Il-qalb tgħidlek xi tħoss u int ikteb dak li tgħidlek il-qalb.

L-anqas ma għandna kitba ta' ittri. Din hi għamla ta' kitba li fil-ħajja tiegħu kulħadd iħaddem; issa ittra ta' ferħ, issa ta' tagħrif, stedin, ħbarijiet u fuq elf suġġett ieħor li bihom hi minsuġa l-ħajja tal-bniedem. Kemm ittri niktbu minn dawn? Għaliex mela qatt ma niktbu ittra bil-Malti ta' bixra letterarja li tista' tidher fi ktieb? Iżda fil-ktib ta' ittri letterari hemm periklu li wieħed għandu joqgħod b'seba' għajnejn li ma jaqax fih, jiġifieri, wieħed għandu jikteb biss dak li jħoss u mhux iżjed; jaħseb biss lil min qiegħed jikteb u mhux f'dawk li għad jaqraw l-ittra tiegħu fi ktieb; fi kliem ieħor l-iittra għandha tinkiteb bla ħsieb li tkun imxandra, iżda b'bixra letterarja biss; inkella wieħed jaqa' f'dak li hu artifiċjali li jħassar dak is-safa li hu l-isbaħ ġmiel ta' ittra.

Għamla ġdida ta' kitba tana l-Prof. Ġ. Aquilina fil-*Miserere* u l-*Biki tal-bniedem.* Mhix proża u mhix poeżija. Hija proża meqjusa bir-ritmu; hi poeżija maħlula mir-rbit tar-reguli ta' għadd ta' sillabi, aċċenti u rima. Tixbah lis-Salmi tal-Kotba Mqaddsa. U bħalhom hi qawwija fil-kliemu, fit-tixbihat u għolja fil-ħsieb. Wegħidna kitba oħra ta' dil-għamla. Nistennewha bil-ħerqa.

Dawn huma biss ftit twissijiet lill-kittieba żgħażagħ mhux biex naqtgħulhom qalbhom, imma biex aktar nagħmlulhom il-qalb. Ix-xogħol hu kbir; naqsmuh bejnietna. Naħdmu f'dik il-kitba li ftit għandha ħaddiema. Nifthu toroq ġodda u nfittxu fihom ġmelijiet ġodda. Hekk il-bini tal-letteratura tagħna jiżżejjen, jissebbaħ, u jirtaqam; il-ġnien tal-kitba Maltija jiżżewwaq b'kull għamla ta' nwar; u l-Lsien Malti jżid jogħla fil-għoli ta' ilsna oħra.